MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1912/2004

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Paul Mizzi ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' Café' Oasis**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta Ottubru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u sittin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm762.29) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 3 ta Settembru 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher u milli jipprezenta Risposta.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Carlo Bisazza in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant a tenur tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 380 u peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u sittin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm762.29), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------